07 FEB 2025

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 608**

**It-Tlieta 7 ta' Jannar, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.06 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**608.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

608.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

**608.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

608.2.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-minuti tas-607 laqgħa ġew unanimament approvati.

608.2.2 Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-sistema tal-*live streaming* ma kinitx qed taħdem u saħaq li jekk il-laqgħa ma tiġix trasmessa *live* fuq l-internet, din tista' tiġi kkunsidrata bħala mhux legali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-membri preżenti li l-Kunsill għandu obbligu legali mhux biss biex ixandar il-laqgħa *live* fuq l-*internet* iżda wkoll li dawn il-laqgħat ikunu disponibbli *on demand* għal skopijiet ta' trasparenza u obbligi regolatorji.

608.2.3 Fis-6.10 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament sakemm ġiet identifikata u ndirizzata l-ħsara teknika fis-sistema.

608.2.4 Fis-6.50 ta' filgħaxija, wara li sar kuntatt mal-kuntrattur responsabbli għas-sistema tal-*live streaming* u dan wettaq it-tiswijiet meħtieġa, is-sistema ġiet ivverifikata u kkonfermata mill-Kunsill li qed taħdem, u l-laqgħa reġgħet tkompliet.

**608.3 Nuqqas ta' attendenza mill-Kunsillieri**

608.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Mark Grech naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (mit-23 ta' Settembru 2024 sal-4 ta' Novembru 2024). Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Mark Grech kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post tas-Mark Grech ma jiġix dikjarat vakanti.

**608.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

608.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 kienet ser tkun tammonta għal €1,024,501 li tinkludi fond ta' €10,000, Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet u l-ammont ta' €90,232 bħala allokazzjoni tal-komunitajiet - St Peter.

**Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2025-2026 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità**

608.4.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-korsijiet Lifelong Learning 2025-2026 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità. Ġie deċiż ukoll li l-

Kunsill japplika għall-istess korsijiet li kienu ġew offruti fis-sena preċedenti, b'konsiderazzjoni tal-popolarità u l-benefiċċju kontinwu tagħhom għar-residenti.

608.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri tal-Kunsill li qiegħda tagħlaq is-sena finanzjarja għas-sena 2024, u rreferiet għar-rakkomandazzjoni tal-awdituri tal-Gvern fir-rigward tar-*recievables*. L-awdituri rrakkomandaw li, fejn l-ammonti dovuti jkunu dubjużi, il-Kunsill għandu jqis li jagħmel provvista għal debiti dubjużi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, skont ir-rekords tal-Kunsill, hemm ammont ta' €37,000 dovut mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, marbut ma' ftehim antik bejn l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan il-ftehim, li ġie ffirmat aktar minn ħmistax-il sena ilu, kien jipprovdi li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tħallas €50 għal kull trinka li tiġi rranġata mill-Kunsill wara xogħol li jkun sar mill-Korporazzjoni. Madankollu, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan il-ftehim m'għadux fis-seħħ u li, fil-passat, il-Kunsill ma kellux dokumentazzjoni li tikkonferma l-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma baqgħet ma ħallsitx l-ammont dovut. F'dan il-kuntest, is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li, skont ir-rakkomandazzjoni tal-awdituri, il-Kunsill jirreġistra l-ammont ta' €37,000 bħala debiti dubjużi fil-kotba tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jirreġistra l-ammont ta' €37,000 bħala *bad debts* fil-kotba tal-Kunsill.

608.4.4 Is-Sinjura Anna Calleja rrapurtat li l-Korporazzjoni Enemalta għadhom ma rranġawx it-trinka li għamlu fi Triq il-Liftija.

608.4.5Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill dwar l-attività tal-Karnival u spjega li kien iddiskuta l-programm flimkien mal-Kunsillier is-Sur Carlo Scicluna. Is-Sindku issuġġerixxa li l-programm tal-Karnival isir it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2025 filgħaxija. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser jitlob is-servizz tal-Banda mingħand l-Għaqda Mużikali Banda San Mikiel, bil-marċ jibda minn Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq Felice. L-attività ser tinkludi wkoll programm organizzat mill-kumpanija *Leon Promotions*, li jikkonsisti fi spettakli minn skejjel ta' żfin bil-kostumi karnivaleski, illużjonijiet, makjetti, u *sketches* komiċi. Is-Sur Carlo Scicluna nforma lill-Kunsill li kien ser jipprova jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex it-tindif isir minn *Clean Malta* mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Dan kien ser jippermetti li l-fondi allokati għat-tindif ikunu ridiretti lejn aspetti oħra tal-organizzazzjoni tal-Karnival. Is-Sindku qal li n-nefqa relatata mal-organizzazzjoni tal-attività tal-Karnival kienet ser tammonta għal €5,000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali dwar jekk l-applikazzjoni għall-fondi ġietx aċċettata. Peress li l-ispiża tat-tindif kienet inkluża fil-proposta sottomessa, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li, f'każ li l-applikazzjoni tiġi aċċettata, kienet ser titlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali il-permess sabiex l-ispejjeż relatati mat-tindif jintużaw għal spejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-attività.

608.4.6 Is-Sindku rrefera għall-inċident sfortunat li seħħ nhar is-Sibt 28 ta' Diċembru, 2024 waqt il-monti f'Misraħ San Ġakbu, fejn ġew irrappurtati persuni midruba. Is-Sindku spjega li wara li ġara l-inċident, saru diversi telefonati fuq livelli differenti ma' Awtoritajiet u Ministeri. Is-Sindku żied jgħid li kien qed jagħmel pressjoni fuq din il-kwistjoni għall-benefiċċju tal-lokalità, kemm biex il-bejjiegħa tal-monti jkollhom

spazju sigur fejn jarmaw, kif ukoll biex jiġu ndirizzati l-problemi li jistgħu jitjiebu. Barra minn hekk, enfasizza l-importanza tas-sigurtà tal-persuni li jkunu qed jixtru mill-monti. Is-Sindku qal li l-Kunsill, madwar xahrejn ilu, kien bidel it-tabelli li jindikaw li l-pjazza hija "No Entry" li turi li t-triq ma tistax tiġi aċċessata waqt li jkun hemm il-monti. Minkejja li huwa pprova jikkomunika mal-għaqda tal-bejjiegħa tal-monti, ma rnexxilux jikseb kuntatt magħhom u kien qed jistenna li dawn jikkomunikaw lura. Is-Sindku kompla jgħid li talab il-preżenza ta' uffiċjali sabiex jiġu osservati r-regolamenti tat-traffiku. Dwar il-kwistjoni jekk it-triq għandhiex tingħalaq jew le, s-Sindku qal li għandu jiltaqa' ma' Transport Malta biex dan jiġi diskuss. Is-Sindku żied ukoll li kien tella' *post* fuq il-midja soċjali f'ismu personali biex jindirizza problemi u sitwazzjonijiet li jeħtieġ li jkunu diskussi b'mod matur, mhux biex ikun ippuntat is-subgħajn lejn xi ħadd, imma biex isir titjib fis-sigurtà. Is-Sindku sostna li din il-laqgħa tista' tagħmel ġid mhux biss lil Ħaż-Żabbar imma fuq livell nazzjonali. Is-Sindku qal li kien qed jistenna komunikazzjoni mingħand diversi individwi, imma ma waslet l-ebda risposta. Fil-fatt, is-Sibt li għadda, il-monti la ingħalaq u lanqas ma kien hemm preżenza ta' uffiċjali. Minħabba f'hekk, is-Sindku qal li mar personalment u għalaq il-pjazza bil-barrikati tal-Kunsill. Wara li tella' l-*post*, irċieva komunikazzjoni minn Transport Malta li ser issir laqgħa fil-jiem li ġejjin magħhom. Is-Sindku talab ukoll li l-Kunsill għandu jibgħat korrispondenza uffiċjali lill-għaqda tal-bejjiegħa tal-monti biex jintalbu jikkunsidraw riallokazzjoni ta' xi postijiet tal-bejjiegħa minn Misraħ San Ġakbu għal Misraħ is-Sliem. Din il-korrispondenza għandha tinkludi avviż li jekk l-għaqda tal-bejjiegħa ma twieġibx fi żmien 48 siegħa, il-Kunsill ser jikkomunika direttament mal-bejjiegħa tal-monti sabiex issir din ir-riallokazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li diġà tkellem mal-bejjiegħa ta' Misraħ San Ġakbu, u jidher li dawn kienu lesti jiddiskutu u jsibu soluzzjoni. Il-proposta tinkludi li n-naħa ta' Triq il-Kbira tibqa' miftuħa biex il-vetturi jitilgħu lejn Triq Bajada, li jiġu nstallati barrikati quddiem il-każin tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, li jsir riallokazzjoni tal-bejjiegħ tal-qagħaq u riallokazzjoni tal-bejjiegħa li jarmaw f' Misraħ San Ġakbu għal Misraħ is-Sliem, fil-passaġġ fejn ikun armat il-planċier, u li n-naħa tal-maħżen tal-każin tal-banda u l-ispiżerija għandha tingħalaq bil-barrikati. Is-Sindku saħaq ukoll li jekk ma jkunx hemm risposta adegwata mingħand l-għaqda tal-bejjiegħa, il-Kunsill ser ikellem direttament lill-bejjiegħa tal-monti dwar ir-rialllokazzjoni f'Misraħ is-Sliem. Għaldaqstant, is-Sindku qal li jekk jintlaħaq ftehim mal-bejjiegħa tal-monti, il-Kunsill għandu jinforma lil Transport Malta dwar dawn l-arranġamenti u għandhom jitneħħew it-tabelli li jirrestrinġu d-dħul lejn Misraħ San Ġakbu, sabiex il-pjazza tibqa' miftuħa u l-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw fl-ispazji pprovduti, bħalma jsir matul il-ġimgħa. Is-Sindku żied jgħid li fil-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza minn Infrastruttura Malta, is-sitwazzjoni tal-monti kienet ser tiġi ndirizzata peress li parti mill-pjazza kienet ser issir żona semi-pedonali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu jivverifika x'awtorità għandu biex iċaqlaq jew jalloka mill-ġdid il-postijiet tal-bejjiegħa, sabiex jiġi evitat kull inċident potenzjali f'żoni oħra, bħalma hi Triq il-Kbira, u biex jiġi żgurat li l-Kunsill ma jinżammx responsabbli għal kwalunkwe inċident. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa b'liema mezz il-Kunsill ipprova jikkomunika mal-għaqda tal-bejjiegħa u s-Sindku wieġeb li huwa pprova jagħmel dan permezz tal-*mobile*. Is-Sur Buttigieg saħaq li l-komunikazzjoni għandha ssir b'mod aktar formali. Is-Sur Joseph Agius irrimarka li fil-passat il-Kunsill kien diġà pprova jalloka mill-ġdid il-postijiet tal-bejjiegħa f'Misraħ is-Sliem, iżda l-bejjiegħa kienu oġġezzjonaw. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-uniku nteress tal-Kunsill huwa li jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-komunità u żied jgħid, filwaqt li kien jaqbel mar-riallokazzjoni tal-bejjiegħa tal-monti, fl-opinjoni

tiegħu l-proposta għal riallokazzjoni temporanja tista' toħloq sfidi loġistiċi għall-bejjiegħa. Is-Sindku qal illi huwa kien qed jipproponi li ssir ir-riallokazzjoni skont il-qisien li hemm stabbiliti. Il-Viċi Sindku żied jgħid li kien ikun aħjar li jsir titjib fil-komunikazzjoni bejn il-membri tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-*post* li ttella' fuq il-midja soċjali mis-Sindku u qal li seta' ġie interpretat bħala attakk fuq l-Awtoritajiet minħabba r-referenza għall-preżenza tal-uffiċjali. Il-Viċi Sindku rrimarka li, normalment, ma jkunx hemmx preżenza ta' pulizija stazzjonata mal-monti. Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-talbiet li saru lill-awtoritajiet u jekk dawn kinux relatati mal-għeluq tat-triq jew biex jinħarġu ċitazzjonijiet. Is-Sindku ċċara li l-kummenti tiegħu ma kinux intenzjonati bħala kritika lejn l-awtoritajiet, iżda kienu referenza għall-għaqda tal-bejjiegħa tal-monti u l-*union* tal-bejjiegħa. Il-Viċi Sindku rrimarka li kull talba għall-għajnuna, speċjalment meta tkun relatata mas-saħħa u s-sigurtà, għandha ssir bil-miktub, u jekk dan ma sarx, kien żball min-naħa tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li llum il-ġurnata ħafna komunikazzjoni ssir permezz tal-*app WhatsApp*, anke ma' uffiċjali għolja bħal Kapijiet Eżekuttivi. Il-Viċi Sindku rrefera għar-reazzjoni ta' Transport Malta għall-*post* li kien tella' is-Sindku u staqsa jekk il-Kunsill għamilx komunikazzjoni ma' Transport Malta dwar il-preżenza ta' uffiċjali. Is-Sindku qal li huwa kien talab l-assistenza tal-pulizija. Il-Viċi Sindku qal li jkun xieraq li din tiġi ċċarata, u rrimarka li r-responsabbiltà tal-monti hija tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li r-responsabbiltà tal-Kunsill hija limitata għaż-żamma tal-lista tal-bejjiegħa tal-monti u għan-numerar tal-posti. Il-Viċi Sindku nsista li l-Kunsill huwa responsabbli għall-ħruġ tal-permessi tal-bejjiegħa. Is-Sindku qal li l-bejjiegħa tal-monti qatt ma ħallsu permessi lill-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li fil-passat ex Kunsillier kien ġabar il-lista tal-bejjiegħa li jarmaw nhar ta' Sibt il-monti. Is-Sindku żied jgħid li fl-ewwel leġislatura tiegħu, anke huwa kien mar jiġbor din il-lista. Il-Viċi Sindku qabel mas-Sindku li għandha ssir laqgħa mal-awtoritajiet fejn jiġu ppreżentati t-talbiet, u saħaq li din il-laqgħa għandha tkun *minuted.* Il-Viċi Sindku staqsa wkoll x'passi kien ser jieħu l-Kunsill jekk sa nhar is-Sibt il-laqgħa mal-awtoritajiet ma tkunx saret jew jekk ma tinstabx soluzzjoni. Is-Sindku wieġeb li f'dak il-każ kien ser jerġa' jpoġġi l-barrikati. Is-Sindku spjega wkoll kif il-vetturi li jkunu pparkjati fil-pjazza nhar ta' Sibt filgħodu jiġu devjati waqt li jkun armat il-monti, u ċċara għaliex ma jistgħux jiġu installati *bollards* tal-ħadid. Is-Sindku qal li r-riallokazzjoni tal-bejjiegħa tal-monti hija biss miżura temporanja, peress li l-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza, li ser jitwettaq minn Infrastruttura Malta, ser jindirizza dawn l-isfidi. Il-Viċi Sindku nsista li l-barrikati għandhom jitqiegħdu f'żewġ postijiet sabiex il-monti jkun magħluq b'mod sigur, u li għandhom jiżdiedu aktar tabelli li jindikaw li waqt il-ħinijiet tal-monti t-triq tkun magħluqa. Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka li jkun hemm vetturi li jridu joħorġu minn Triq il-Grazzji. Is-Sindku wieġeb li, jekk issir l-allokazzjoni tal-bejjiegħa tal-monti f'Misraħ is-Sliem, il-Kunsill għandu jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex it-tarf ta' fejn hemm il-maħżen tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel jingħalaq bil-bollards tal-ħadid. Is-Sindku tkellem ukoll dwar miżura oħra ta' sigurtà u staqsa jekk għandhiex tingħalaq Triq il-Kbira lejn il-Misraħ, speċifikament mill-banka tal-lottu sal-ħanut tal-stationery. Is-Sindku rrimarka li din il-kwistjoni ta' *traffic management* għandha tiġi diskussa ma' Transport Malta, inkluż il-possibbiltà li Triq il-Kbira ssir b'direzzjoni opposta għall-vetturi li jkunu tielgħin minn Triq San Duminku nhar ta' Sibt waqt il-monti, u li Triq San Pju V issir direzzjoni waħda 'l isfel b'mod permanenti, għal Triq is-Santwarju. Il-Viċi Sindku nsista li kwalunkwe talba lil Transport Malta għandha ssir bil-miktub. Is-Sindku kkonferma li, jekk jintlaħaq xi ftehim, il-pjanti finali jitpoġġew għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku reġa'

saħaq li għandu jkun hemm komunikazzjoni ċara dwar din il-materja, u jekk hemm bżonn, issir laqgħa, jitressqu l-proposti, u jiġi nfurmat il-pubbliku.

608.4.7 Fit-7.38 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

608.4.8 Is-Sindku tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied u nforma lill-membri tal-Kunsill li d-dawl tal-Milied fit-toroq kien intefa. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġranet li ġejjin kien ippjanat li jibda l-proċess ta' żarmar tat-tiżjin. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm problema fiż-żona tal-Plier u d-dawl dekorattiv ma nxtgħelx.

608.4.9 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kienu saru t-tiswijiet fil-latrina li kienet ġiet ivvandalizzata. Is-Sindku rrapporta li apparti n-nar li tqabbad, it-*toilet* għall-persuni b'diżabilità ġie vandalizzat ukoll permezz ta' murtal tal-festa li ntefa' fit-*toilet*, u dan ikkawża ħsara peress illi ntefa' fl-ilma. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien għad irid inaddaf il-ħajt wara dan l-inċident. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinitx ġiet identifikata l-identità ta' min wettaq dan l-att vandalu. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku kompla jgħid ukoll li għadu qed jistenna risposta mingħand *Clean Malta* rigward l-arranġamenti għall-preżenza tal-*attendents* mal-latrini. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li kienu tpoġġew żewġ *mobile toilets* fi Ġnien il-Kunsill peress illi l-latrini kienu magħluqa sakemm isiru t-tiswijiet.

608.4.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jieħu ħsieb li jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli ta' Ġnien Tamara Psaila. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kien qed jirċievi diversi lmenti minħabba li l-bandli kien magħluq. Is-Sindku żied jgħid li s-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' Ġnien il-Mistrieħ ġiet ippubblikata fuq is-sistema tal-EPPS.

608.4.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li d-dawl tal-fanali li hemm fuq wara tal-ħwienet ta' Triq il-Fraxxnu u l-arbli tad-dawl fi Triq iċ-Ċikas kien għadhom ma ġewx irranġati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser terga' tkellem lill-kuntrattur responsabbli minn din it-tiswija.

608.4.12 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kien ippjanat li jiltaqa' mal-perit tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex jinbeda l-proġett ta' kostruzzjoni tal-isqaqien.

608.4.13 Is-Sindku ppropona lill-Kunsill sabiex ineħħi tliet *loading/unloading bays* li jinsabu fiż-żona fejn hemm il-ħanut tal-ikel fi Triq is-Santwarju, u minflok, il-Perit tal-Kunsill jintalab jipprepara disinn sabiex issir *central strip* bejn Triq San Duminku u Triq is-Santwarju, quddiem il-ħanut tal-ikel, li tinkludi *loading/unloading bay*. Dan il-proġett kien jinħtieġ minħabba li trakkijiet tat-tgħabija kienu jieqfu f'dan il-post sabiex iħottu l-merkanzija. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx ser titneħħa xi *unloading* bay ta' xi ħanut li jkollu oġġetti tqal. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal li fl-opinjoni tiegħu, it-tliet loading/unloading bays kienu jinsabu viċin xulxin u qed inaqqsu l-ispazju ta' parkeġġ. Is-Sur Buttigieg staqsa liema kienu it-tliet loading/unloading bays li qed jiġu proposti biex jitneħħew. Is-Sindku indika li għandha titneħħa waħda minn Triq San Duminku, oħra minn Triq is-Santwarju kantuniera ma' Tumas Dingli u oħra minn Triq Tumas Dingli. Is-Sindku qal li t-trakkijiet kienu kissru l-bankina u f'din iż-żona kienu qed isiru diversi nċidenti. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-

proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jitneħħew it-tliet *loading/unloading bays* imsemmija aktar qabel, u minflok issir central strip u *loading /unloading bay* waħda bejn Triq San Duminku u Triq is-Santwarju.

608.4.14 Is-Sindku qal illi kien iddiskuta l-possibilità mas-Sinjura Anna Calleja li jerġgħu jiġu organizzati l-*Youth Exchanges* barra minn Malta biex jagħtu opportunitajiet u esperjenzi internazzjonali għaż-żgħażagħ Żabbarin. Is-Sindku qal illi dawn l-*exchanges* ikunu kompletament iffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku issuġġerixxa li jiġi ingaġġat individwu biex jimla l-applikazzjoni u jieħu ħsieb l-organizzazzjoni kollha relatata mal-*Youth Exchange* għal ħlas ta' €350 VAT inkluż. Din is-somma tinkludi l-mili tal-applikazzjoni, l-komunikazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti, laqgħat preparatorji, il-loġistika u x-xiri tal-biljetti tal-ajru. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku biex jgħaddilha kopja tal-kwotazzjoni relatata ma' dan is-servizz, u fakkret li l-proċess ta' xiri ta' biljetti tal-ajru u kwalunkwe proċedura ta' *procurement* għandha ssir mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Joseph Agius staqsa kemm ser tkun l-età taż-żgħażagħ parteċipanti. Is-Sinjura Anna Calleja enfasizzat l-importanza li tiġi stabbilita kategorija ta' età għall-parteċipanti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-fondi Ewropej sabiex jorganizza *Youth Exchanges* u li jingaġġa lis-Sur Carlos Zarb għall-prezz ta' €350 VAT inkluż, għall-mili tal-applikazzjoni u s-servizzi relatati.

**608.5 Minuti tal-laqgħa annwali**

608.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-minuti tal-laqgħat tal-lokalità li saru f'Ottubru u f'Diċembru 2024 intbagħtu permezz tal-email għall-attenzjoni tagħhom u, għall-fini tal-minuti, qed jitqiesu bħala moqrija.

**608.6 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2025**

608.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2025. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**608.7 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus***

608.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2024.

608.7.2 Fis-7.56 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

608.7.3 Fit-8.08 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

608.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jingħaw il-*performance bonus* skont il-lista annessa.

608.7.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti lill-impjegat tar-*Resource and Support Services Limited* u tal-*Engineering Resources Limited performance bonus* skont il-lista annessa.

**608.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

608.8.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Diċembru 2024 u s-6 ta' Jannar 2025 li kienet tammonta għal €89,655.93.

608.8.2 Is-Sindku ppropona li flimkien mal-iskeda ta' pagamenti jiġu mħallsa l-*invoices* li waslu wara li l-iskeda tal-pagamenti kienet diġà ġiet finalizzata, iżda li huma relatati mad-dekorazzjonijiet tat-toroq għal żmien il-Milied. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jippreżenta l-kontijiet fi żmienu biex jirkupra l-ammont ta' €12,500 li ntefaq fuq id-dekorazzjonijiet mir-Regjun Xlokk. Il-kontijiet li għandhom jitħallsu huma: €1,000 dovuti lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, €1,000 dovuti lill-Grupp Armar tal-Festi, €4,600 dovuti lil Bozza Street Lighting u €4,600 dovuti lil Dwayne Vella. Barra minn hekk, żewġ kontijiet oħra li għadhom ma waslux; waħda ta' €300 relatata mal-ikel waqt l-attività tal-wirja tal-presepju u oħra ta' €1,000 relatata mad-dekorazzjonijiet tat-toroq sabiex jitħallsu malli jaslu. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jħallas dawn il-kontijiet ukoll.

**608.9 Ingaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15)**

608.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien informa lill-Kandidata A li kienet ġiet magħżula għall-kariga ta' Skrivan/a (Skala 15). Madankollu, Kandidata A nnotifikat lill-Kunsill li hija diġà aċċettat impjieg ieħor u għalhekk qed tirrifjuta l-offerta. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill se jikkuntattja lil Kandidata B biex joffrilha l-kariga. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li jekk Kandidata B ma taċċettax, il-Kunsill se jkompli bil-proċess billi joħroġ mill-ġdid sejħa għall-applikazzjonijiet għal-ingaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15). Fuq proposta tas-Sur Leone Sciberras, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li joffri l-kariga lil Kandidata B u f'każ li Kandidata B ma taċċettax, il-Kunsill se jkompli bil-proċess billi joħroġ mill-ġdid sejħa għall-applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15).

**608.10 Jum Ħaż-Żabbar**

608.10.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill approva unanimament l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu ppreżentati f'Jum Ħaż-Żabbar nhar is-Sibt 1 ta' Frar, 2025.

608.10.2 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-programm għal Jum Ħaż-Żabbar li ser jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Frar, 2025. Is-Sindku qal li l-programm propost għal dan il-jum ser ikun jikkonsisti minn quddiesa fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fis-6.15 ta' filgħaxija u wara ser isir riċeviment fejn ser jiġu ppreżentati l-onorifiċenzi fis-Sala Notre Dame. Is-Sindku qal ukoll illi kienu ser jinkrew *bistro*

*tables* sabiex jintużaw matul ir-riċeviment, ser ikun hemm il-banda ta' Christian Arding u l-ikel għar-riċeviment kien ser isir mingħand Big Bun Caterers. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Memo 122/2010 relatata mal-attivitajiet dwar Jum il-Lokal u qalet li l-ispiża globali għall-attivitajiet ta' Jum il-Lokal m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla.

**608.11 Monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch**

608.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet ħarġet espressjoni ta' interess kif mitlub mill-Kunsill. Qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku rċieva abbozz mingħand l-artist Żabbari, is-Sur Rennie Abela. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-mudell tat-tafal maħluq mis-Sur Rennie Abela u spjega li l-artist kien lest jaħdem monument tal-*fibre* tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch għall-prezz ta' €50,000. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Abela kien ippreżenta wkoll id-disinn tal-pedestall tal-monument, iżda talab lill-Kunsill biex jingħata l-ħin meħtieġ biex jimmodifika d-disinn sabiex ikun aktar relatat mal-lokalità. Barra minn hekk, s-Sindku sostna li l-pedestall kien ser isir tal-ġebel tal-qawwi, iżda stima tal-ispiża tiegħu ma ġietx ippreżentata peress li d-disinn għadu mhux finali. Is-Sindku tenna li kien jaf il-ħidma u l-kapaċità artistika tas-Sur Abela, u għalhekk, talab lill-Kunsill biex jagħti l-approvazzjoni lis-Sur Abela biex ikompli jaħdem fuq l-istima tad-disinn tal-pedestall. F'dan il-kuntest, il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser jitlesta dan il-monument. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob lis-Sur Rennie Abela jaħdem il-monument tal-*fibre* tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch għall-prezz propost ta' €50,000. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, skont ir-regolamenti finanzjarji, il-Kunsill ma jistax jagħti *direct order* ta' €50,000. Madankollu, billi dan huwa xogħol artistiku, il-Kunsill jista' jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, skont il-linji gwida 3.5, biex jingħata konċessjoni għal *direct order* lis-Sur Abela. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħti il-konċessjoni għal *direct order* skont il-linji gwida 3.5. Jekk it-talba tiġi approvata, il-Kunsill jitlob lis-Sur Rennie Abela jaħdem monument tal-*fibre live size* għal prezz ta' €50,000 VAT inkluż.

**608.12 Ittri Legali**

608.12.1 Ma kienx hemm ittri legali.

608.12.2 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura MMS762 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €1,328.64 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

608.12.3 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura GBJ027 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Ġużepp, fejn talbet kumpens ta' €58.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li fi Triq San Ġużepp kien għaddej xogħol minn Infrastruttura Malta. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal

dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta minħabba li f'din it-triq kien għaddej xogħol minn Infrastruttura Matla. [2]

608.12.4 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura ECB289 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq iċ-Ċimiterju, fejn talab kumpens ta' €69.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, wara li l-Kunsill talab lil sid il-vettura biex jipprovdi kopja tar-rapport uffiċjali li sar lill-pulizija, is-sid informa lill-Kunsill li l-pulizija ma jagħtux kopji tar-rapport lil min jagħmel ir-rapport. Minflok, is-sid ipprovda n-numru ta' referenza relatat mar-rapport, u talab li l-Kunsill għandu jagħmel it-talba għar-rapport direttament mal-pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li, skont il-proċedura normali, il-pulizija jagħtu kopja tar-rapport lil min jagħmel it-talba. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [3]

608.12.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar inċident li seħħ fi Triq Santa Duminka, fejn ġie rraportat ħruq mill-kaxxa tad-dawl li hemm imwaħħla mal-bozza tat-triq. L-*email* tindika li l-*fuse box* inħarqet u kkawżat danni fil-faċċata tal-proprjetà. Is-sidien tal-proprjetà talbu lill-Kunsill biex jirranġa l-faċċata, u f'każ li l-Kunsill ma jkunx jista' jipprovdi ħaddiema, s-sidien talbu li l-Kunsill iħallas għad-danni. Is-sidien spjegaw ukoll li ftit xhur ilu kienu irrinovaw il-faċċata tagħhom, u għaldaqstant talbu li l-Kunsill jieħu l-passi meħtieġa biex jiżbogħ il-faċċata jew iħallas għad-danni. Is-Sindku ppropona li tinġieb stima u jagħmel tajjeb għal ħsara li ġarrab dan ir-resident. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb stima u tittieħed azzjoni biex tinżebagħ il-parti tal-faċċata li ġarrbet il-ħsarat. [4]

**608.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

608.13.1 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-bżonn li jsir *patching* fi Triq il-Liftija u li jiġi rranġat quddiem ir-residenza numru 151 fi Triq Santa Marija peress illi kien qed iżomm l-ilma.

608.13.2 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li z-*zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra tiġi mressqa aktar 'il fuq, minħabba li l-pożizzjoni attwali tinsab f'liwja. Is-Sindku spjega li ma hemmx spazju adegwat fejn tersaq issir *zebra crossing*, peress li t-triq fiha ħafna garaxxijiet. Is-Sindku żied jgħid li din il-kwistjoni diġà ġiet diskussa diversi drabi fil-passat. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li r-residenti esprimew tħassib serju dwar il-periklu li jesperjenzaw meta jkunu qed jaqsmu t-triq minn dik iż-żona..

608.13.3 Is-Sur Leone Sciberras talab lis-Sindku biex fl-agenda li jmiss jiġi nkluż *item* fl-agenda biex jiġi diskuss il-*feedback* tal-laqgħa li saret mal-Kummissjoni għall-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

608.13.4 Is-Sur Leone Sciberras informa lis-Sindku li għadu qed jistenna li tiġi organizzata l-laqgħa miegħu sabiex jiddiskutu dwar inklużjoni.

608.13.5 Is-Sur Leone Sciberras rrefera għall-korrispondenza li kien irċieva rigward nuqqas ta' fjuri fil-lokalita' u staqsa jekk l-ittra ta' risposta kinitx intbgħatet lir-resident. Is-Sindku qal li kien ser jibgħat risposta lill-persuna kkonċernata.

608.13.6 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq ilment li kien irċieva mingħand is-sidien li għandhom l-entratura għall-passaġġ li jagħti għall-għelieqi fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, minħabba li qed jiġu jipparkjaw vetturi quddiem l-entratura u jagħlqu l-aċċess. Is-Sur Carlo Scicluna talab li jittieħdu passi biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

608.13.7 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta ser titkompla Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li m'għandux informazzjoni dwar dan. Is-Sur Joseph Agius spjega li meta għamlet il-maltempata tax-xita żamm ħafna ilma ħdejn l-isprall li hemm fil-viċinanzi tal-Każin tal-Partit Laburista.

608.13.8 Is-Sur Joseph Agius rrefera għall-ilment li kien għamel rigward Triq is-Santwarju maġenb il-ħanut tal-*mobiles* peress illi hemm *parking bay* u meta jkun hemm il-vetturi pparkjati jingħalaq l-aċċess għar-rampa fit-tarf tal-bankina. Is-Sur Agius talab sabiex titneħħa din ir-rampa u minflok issir rampa oħra fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam.

**608.14 Mozzjonijiet**

608.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**608.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

608.15.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 6 ta' Frar, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

608.15.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-609 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 6 ta' Frar, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku